MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 842/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**Stephen u Mary Elvira sive Marvy miżżewġin CASHA**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-14 ta' Settembru 2005 li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

Illi in forza ta' bejgħ in Subasta numru 118/2001 miżmum taħt l-Awtorita' ta' Din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Lulju 2003 ġie liberat għaf-favur tas-soċjeta' attriċi l-fond ċioe' il-mezzanin bin-numru ħamsa u għoxrin (25), jismu "Sunshine", fi Triq Ganu, Birkirkara, sovrapost għal beni oħra u jikkonfina minn Nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Delia u mill-Punent ma' beni ta' l-ered ta' Joseph Vella, igawdi servitu' ta' aperturi u tat-twaqqiegħ ta' l-ilma tax-xita versu l-beni sottoposti li

magħhom għandu wkoll in komun il-komunikazzjoni tad-drenaġġ u soġġett għas-servitu' tat-twaħħil ta' kanna u television aerial fuq il-bejt tiegħu favur il-fond sottopost, minn ħaġa oħra liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u markata Dok. "A";

Illi għalhekk illum il-konvenuti qed jokkupaw dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;

Illi l-konvenuti ġew interpellati sabiex jiżgombraw mill-imsemmi fond u dan permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Lulju 2004 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u markata Dok. "B", iżda dawn baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupaw il-fond cioe' il-mezzanin bin-numru ħamsa u għoxrin (25), jismu "Sunshine", fi Triq Ganu, Birkirkara, sovrapost għal beni oħra u jikkonfina minn Nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Delia u mill-Punent ma' beni ta' l-ered ta' Joseph Vella, igawdi servitu' aperturi u tat-twaqqiegħ ta' l-ilma tax-xita versu l-beni sottoposti li magħhom għandu wkoll in komun il-komunikazzjoni tad-drenaġġ u soġġett għas-servitu' tat-twaħħil ta' kanna u television aerial fuq il-bejt tiegħu favur il-fondsottopost, minn ħaġa oħra liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;

2. Tordna illi, in konsegwenza l-istess konvenuti fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jiżgombraw mill-fond ċioe' il-mezzanin bin-numru ħamsa u għoxrin (25), jismu "Sunshine", fi Triq Ganu, Birkirkara, sovrapost għal beni oħra u jikkonfina minn Nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Delia u mill-Punent ma' beni ta' l-ered ta' Joseph Vella, igawdi servitu' ta' aperturi u tat-twaqqiegħ ta' l-ilma tax-xita versu l-beni sottoposti li magħhom għandu wkoll in komun il-komunikazzjoni tad-drenaġġ u soġġett għas-servitu' tat-twaħħil ta' kanna u television aerial fuq il-bejt

tiegħu favur il-fond sottopost, minn ħaġa oħra liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u jħallu l-istess immobbli liberu u battal favur is-soċjeta' attriċi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Lulju 2004 u bir-riżerva għall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet ukoll lill-imħarrek Stephen Casha dwar ir-raġuni tan-nuqqas tiegħu u tal-imħarrka l-oħra li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-Liġi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati;

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Wara li tqis li l-imħarrkin naqsu li jagħtuha raġuni tajba biex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom, u wkoll milli jagħtuha raġuni tajba biex jikkontestaw it-talbiet attriċi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin qegħdin jokkupaw il-fond numru ħamsa u għoxrin (25) bl-isem "Sunshine", fi Triq Ganu, Birkirkara, mingħajr titolu validu fil-Liġi;

**Tilqa' wkoll it-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin sabiex, sa żmien xahrejn millum, joħorġu u jiżgumbraw mill-imsemmi fond u jbattluh favur il-Bank attur; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------